NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Nru. 46 Jannar - Frar 1989

*Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

## "Meta ser tagħmel Check-Up?"

Mhux darba u tnejn, tiltaqa' ma' nies li waqt diskursata li jkollhom tarahom isemmgħu xi affarijiet li jkunu qegħdin jinkwetawhom. U ħafna drabi, l-aktar li jinkwieta lill-bnedmin hu l-mard.

U bir-raġun! Ħadd ma jieħu gost jimrad, u kulħadd jagħmel ħiltu sabiex iżomm ruħu qawwi u sħiħ. Fost is-suġġerimenti li nisimgħu waqt diskursata ta' din ix-xorta nsibu: **"Inti għaliex ma tagħmilx check-up?"** Suġġeriment floku u ta' min jaħtfu u jwettqu minnufih.

Iżda ninnota żewġ affarijiet: l-ewwelnett, li lkoll kemm aħna lesti li nagħmlu dan is-suġġeriment lil ħaddieħor, filwaqt li allaħares xi ħadd jissuġġerih lilna; u t-tieni, li filwaqt li għall-ġisimna noqgħodu attenti u nieħdu kull prekawzjoni, meta tidħol ir-ruħ, allura nbiddlu l-atteġġjament u naġixxu mod ieħor.

Hu fatt li bħalma jimrad il-ġisem, jimrad ukoll ir-ruħ. U l-mard tar-ruħ hu ferm ikrah u perikuluż, wisq aktar minn dak tal-ġisem. Għalhekk huwa meħtieġ li lkoll kemm aħna, kull tant żmien nagħmlu **check-up** ta' ruħna.

Ir-Randan hu ż-żmien l-iżjed addattat biex nagħmlu dan iċ-**check-up!**

Fir-Randan nsibu ħafna u ħafna affarijiet li jgħinuna: il-liturġija ta' dan iż-żmien, it-talb li jsir, il-Via Crucis li nagħmlu, il-Pellegrinaġġi lejn Santwarji tal-Madonna, dawn kollha jgħinuna biex inkunu nistgħu naraw f'hiex aħna.

Iżda l-mezz l-iżjed effikaċi u qawwi huwa l-EŻERCIZZI MQADDSA. Fihom Ġesù li jħobbna:

- ikellimna fil-fond ta' qalbna
- igħidilna xi jrid minna
- jurina fejn sejrin tajjeb
- jifhilna għajnejna fejn inkunu sejrin fl-iżball
- jinkoraġġina u jwennisna bil-presenza tiegħu, biex nibdlu ħajjitna u ngħixu aħjar
- jagħtina l-mediċina li ssaħħaħna u żżommna f'saħħitna għal li ġej.

Għalhekk ma nħallux jgħaddi dan iż-żmien ta' Grazzja! Fil-Parroċċa tagħna qed norganizzaw tlett korsijiet: għall-Koppji Miżżewġa għall-kulħadd u għaż-Żgħażagħ. Il-post tafuh, il-ħin ukoll, l-aqwa Professur fil-mard tar-Ruħ, Ġesù qiegħed jistenniek.

Tinsiex! **Check-Up** illum, ifisser ħajja ta' dejjem 'il quddiem.




***Il-lapida bil-bust ta' Don Bosco, fuq disinn tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, li kixef Don Egidio Viganò S.D.B. Rettur Maġġur tas-Salesjani nhar is-Sibt, 7 ta' Jannar 1989 (ara paġni 4-5)***

## *INFITTXU LIL KRISTU* *RANDAN '89*

### *Eżerċizzi Spiritwali*

**Mit-Tnejn 27 ta' Fraar sal-Ġimgħa 3 ta' Marzu**

*Għal KULĦADD....................fis-1.45p.m.*
*Għaż-ŻGĦAŻAGĦ...............fis-7.00p.m.* ***Predikatur: Fr. Charles Fenech O.P.***

***Mit-Tnejn 6 ta' Marzu sal-Ġimgħa 10 ta' Marzu***

*Għall-KOPPJI MIŻŻEWĠIN....................fis-7.00p.m.*
**Predikatur: Patri William Axiaq OFM Kapp.**

IL-BELT
VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Uffiċċju Editorjali:
Centru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## Editorjal

# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-PARROĊĊA

Bdejna s-sena 1989 billi fakkarna lill-qaddis li tant ħabb liż-żgħażagħ - San Ġwann Bosco. Żgur li l-figura tiegħu mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali ser timla liż-żgħażagħ tagħna b'sens qawwi ta' spiritwalità, b'iktar responsabiltà lejhom infushom u b'ħeġġa ikbar lejn il-parroċċa tagħna.

U hekk għandu jkun! Iż-żgħażagħ tagħna hemm bżonn li jifhmu li ż-żmien taż-żgħożija huwa żmien li fih jeħtieġ li jkabbru fihom dawk id-drawwiet li jagħmlu minnhom 'l quddiem membri siewja fis-soċjetà tagħna.

Għalhekk ukoll dan l-aħħar ingħata bidu għal-laqgħat regolari taż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna - laqgħat li qed isiru kull ħmistax, nhar ta' Ġimgħa fis-6.30p.m. Dawn il-laqgħat inbdew wara "survey" li sar fost iż-żgħażagħ tal-parroċċa u li għalih wieġbu bosta żgħażagħ. Tajjeb għalhekk li l-ġenituri jħeġġu liż-żgħażagħ fil-familji tagħhom biex ma jabbandunawx it-tagħlim reliġjuż. Mhix skuża valida li xi ħadd jgħid li ma jistax jattendi minħabba l-istudju. Lanqas ikun minnu li ħafna mhux possibbli li jattendu minħabba x-xogħol. Għax ngħiduha kif inhi: min jaf kemm żmien jgħaddu ċerti żgħażagħ quddiem it-television jew f'xi disco, jew għall-insib jew kaċċa??

Huwa veru li hawn laqgħat ta' għaqdiet oħra imma nħossu li nkunu nonqsu jekk ma ngħidux ċar u tond li daqskemm iż-żgħażagħ jeħtieġu l-parroċċa, daqshekk ieħor il-parroċċa għandha bżonn iż-żgħażagħ. Huma jridu jkunu li jagħtu demm u ħajja ġdida lill-attivitajiet li jsiru għalihom u lill-attivitajiet kollha in ġenerali. Iż-żgħażagħ hemm bżonn jifhmu li ma jistgħux jibqgħu maqtugħin mill-parroċċa. Huma membri tal-komunità parrokkjali daqs ħaddieħor.

Għalhekk f'din l-ewwel ħarġa tar-rivista għal din is-sena qed nagħmlu dan l-appell liż-żgħażagħ tagħna biex iħossuhom iktar qrib il-parroċċa u parti minnha billi jibdew jattendu regolarment għal-laqgħat li qed isiru għalihom, ħalli bit-tagħlim li jieħdu jkunu jistgħu jsiru, 'l quddiem, insara maturi u ċittadini onesti li jagħmlu unur lill-komunità parrokkjali tagħna.

Dan hu l-awgurju tagħna! Hekk kif għall-grazzja t'Alla l-laqgħat tal-kategoriji l-oħra jinsabu mexjin regolarment b'attendenza tajba, hekk ukoll il-laqgħat taż-żgħażagħ li nbdew ikomplu b'suċċess għal ġid taż-żgħażagħ infushom u għal ġid tal-parroċċa tagħna.

### Membri ġodda fil-Komunità Parrokkjali

26.11.88: ANTHONY, iben Moses Briffa u Natalie neè Grech.
3. 12.88: EDIANA, bint Vincent Attard u Josephine neè Bajada.
8.12.88: ROXANNE, bint Anthony Farrugia u Georgette neè Muscat.
10.12.88: GEORGE, iben Joseph Agius u Doris neè Hili
11.12.88: JOZEF JUAN, iben John Cauchi u Mariella neè Xuereb.
13.12.88: MARIA, bint Marcell Tabone u Anna neè Ellis.
25.12.88: GABRIEL, iben Anton Sillato u Maria neè Vella.
31.12.88: GRAZIELLA, bint Anthony Sacco u Georgia neè Said.

**Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxtat:**
21.11.88: George Frendo
8.12.88: Carmelo Schembri
13.12.88: Maria Portelli
19.12.88: Ġuża Caruana
25.12.88: Giovanna Vella

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ**
21.1.89: Anthony Tabone (Għ'Sielem) u Salvina Camilleri

## *LAQGĦAT TAL-KATEGORIJI FIL-PARROĊĊA*

- ***Fl-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar***
  Fis-7.15 p.m. - ***Għall-Irġiel.***
- ***It-tieni Erbgħa ta' kull xahar***
  Fid-9.30 a.m. - ***Għan-Nisa.***
- ***Kull Ħmistax - Nhar ta' Ġimgħa***
  Fis-6.30 p.m. - ***Għaż-Żgħażagħ.***
- ***Kull nhar ta' Sibt***
  Fl-4.00 p.m. - ***Abbatini***
  Fl-5.30 p.m. - ***Grupp tal-Vokazzjonijiet.***
- ***Kull nhar ta' Ħadd***
  Fid-9.00 a.m. - ***Quddiesa għat-Tfal.***

## *Donazzjonijiet għar-Rivista*

| | |
|---|---|
| George & Mary Bonavia (Canada) | 5 Can. $ |
| Nick Gatt (Ont. Canada) | 10 Can. $ |
| Carmel & Giorgia Vella (N.S.W. Aust.) | 20 Aus. $ |
| Dolindo Bugeja (Ont. Canada) | 20 Can. $ |
| Anthony J. Pace (U.S.A.) | Lm 5. |
| Kan. Louis Camilleri (Xagħra) | Lm 5. |

## HINIJIET TAL-QUDDIES

*Matul il-Ġimgħa:* ***Fil-5.00 u fis-6.00p.m.***
*(Meta jibdew l-Eżerċizzi l-aħħar quddiesa tkun fis-6.30p.m.)*

*Ħdud u Festi:* **Fl-4.00p.m. u fil-5.30 p.m.**

# IL-MILIED fil-Parroċċa Tagħna

Il-ġranet sbieħ ta' żmien il-Milied fil-parroċċa tagħna kienu ġranet ta' attività ma taqta' xejn. Mill-bidu tan-Novena stajna ninnotawl-entużjasmu tat-tfal f'kull jum tan-Novena sakemm waslu l-attivitajiet rikreattivi li ġew organizzati għalihom fil-ġranet ta'wara l-Milied. It-tfal ipparteċipaw bi sħiħ matul in-novena bil-kant tagħhom, bl-ittri li nqraw waqt il-quddiesa tan-Novena kif ukoll bis-sehem sħiħ u attiv li ħadu f'dawn il-ġranet.

Matul il-jiem tan-Novena għal kulħadd li din is-sena tmexxiet minn Dun Mario Grech, nqraw ħsibijiet ġodda dwar il-Milied li nkitbu apposta minn Mons Arċipriet. Wara l-Kant ta' l-Alma membri tal-komunità Parrokkjali kienu jaqraw dawn il-ħsibijiet dwar x'għandu jfisser il-Milied għan-Nisrani ta' llum.

Bħalma beda jsir kull sena it-tfal ingħataw biljett b'xejn mill-Managment tat-Teatru Astra għal film divertenti kif ukoll sar għalihom party kbir fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali. Matul dan il-party Dun Effie Masini ferraħ it-tfal b'daqq u kant ta' għanjiet. F'dan il-party kull tifel u tifla li attendew ingħataw rigal li ttellgħa bix-xorti. Hawn ta' min isemmi l-qlub ġenerużi ta' bosta parruċċani li offrew rigali u flus b'risq l-attivitajiet tat-tfal.

Il-membri tal-grupp tal-vokazzjonijiet immexxi minn Dun Effie Masini ħadu sehem f'ġurnata msejħa 'Jum l-Imħabba'. Matul dan il-jum il-membri tal-grupp wara quddiesa speċjali għalihom daru d-djar tax-xjuħ fil-Belt Victoria u qassmu rigali lil dawk rikoverati hemm.

Bħala sinjal ta' ringrazzjament lil dawk kollha li jgħinu fil-ħidma tal-parroċċa ġie organizzat riċeviment fis-sala taċ-Ċentru. Attendew għal dan il-membri tal-Kapitlu u Kleru, membru tal-Kunsill Parrokkjali u tad-diversi kumitati tal-parroċċa, distributuri tal-Bulettin u oħrajn. Mons Isqof, li kien ukoll preżenti għal dan ir-riċeviment irringrazzja lil dawk preżenti għal dak kollu li jgħamlu għall-ġid tal-parroċċa tagħna. Bħas-snin l-imgħoddija Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Solenni f'nhar il-Milied wara nofs in-nhar kif ukoll fl-aħħar jum tas-sena meta ntona Te Deum ta' Radd il-Ħajr.

Tajjeb wieħed isemmi li matul dawn il-ġranet tal-Milied fil-Bażilika tagħna żdied it-tiżjin tal-Milied u din is-sena saret żieda ta' persunaġġ ieħor fil-presepju li beda jintrama fil-knisja Għat-tieni sena ġiet organizzata kompetizzjoni għall-aħjar tieqa jew gallerija mżejna. Ir-rebbieħ din is-sena kienet il-familja Cassar ta' Triq l-Assunta, Victoria.

## *Il-Kor 'LAUDATE PUERI' fuq it-T.V. fl-Ingilterra*

Matul dawn il-ġranet il-Kor 'Laudate Pueri' tal-parroċċa tagħna qed jiġi iffilmjat, sabiex jieħu sehem f'film dokumentarju dwar Malta u Għawdex, u li ser jagħmel parti minn sensiela mill-iżjed imfittxija li ġġib l-isem ta' **"Highway"**. Dawn id-dokumentarji qed jinġibdu minn Channel TV, bi produzzjoni ta' Bob Evans u ser ikunu ppresentati fuq it-Televisions tar-Renju Unit mill-famuż presentatur Sir Harry Secombe.

# ŻEWĠ PROĠETTI ĠODDA

Fil-parroċċa tagħna qed isiru tħejjijiet biex jingħata bidu għal żewġ proġetti ġodda. Issa li dawn it-tħejjijiet waslu fi stat avanzat tajjeb li nsemmuhom u fl-istess waqt nitolbu l-għajnuna ta' dawk li jistgħu joffru xi ħaġa għalihom.

**LIBRERIJA PARROKKJALI**

***F'waħda mill-kmamar kbar taċ-Ċentru Parrokkjali tagħna ser jingħata bidu biex tibda timbena librerija parrokkjali. Fil-fatt ġa ġew ordnati xkaffi għal kotba li mistennija jkunu għandna fi żmien qasir. Id-deċiżjoni li nibdew librerija parrokkjali ilha tberren f'moħħ Mons Arċipriet, pero' kien il-kliem ta' inkoraġġiment minn tlieta min-nies li ttieħed il-pass finali li din timbeda. Dawn it-tlieta minn nies ser joffru kwantita kbira ta' kotba kull wieħed għal-librerija tagħna. Aħna ċerti li ser ikun hemm oħrajn li ser jagħmlu l-istess. Però illum irridu nagħmlu appell lil kull familja biex din toffri almenu ktieb wieħed għal dan l-iskop. Kull ktieb li jiġi mogħti ser jiġi wżat meta l-librerija tinfetaħ għall-pubbliku fi ftit xhur oħra. Għalhekk kull min jista' joffri ktieb jista' jgħaddih lill-uffiċċju parrokkjali.***

**ARKIVJU FOTOGRAFIKU**

***Biex il-parroċċa tagħna jkollha dak kollu meħtieġ għaż-żminijiet tallum ġie deċiż ukoll li barra Librerija Parrokkjali jibda jimbena ukoll Arkivju Fotografiku. Ġa għandna fil-parroċċa tagħna numru kbir ta' ritratti li qed jiġu magħżulha skond l-okkażżjoni u s-sena li fihom ittieħdu. Imma żgur li hawn ħafna li għandhom ritratti li għandhom x'jaqsmu mal-parroċċa tagħna u li l-parroċċa m'għandhiex. Għalhekk nappellaw lil kul min għandu xi ritratti biex iġibhomlna u jekk ma jkunx irid jagħtihom bħala rigal lill-parroċċa aħna nżommuhom ftit nagħmlu kopja minnhom bil-mezzi moderni li hawn mingħajr ma nagħmlulhom l-ebda ħsara u nerġgħu nirritornawhom. Ninsabu konvinti li għal dan il-għan ser insibu l-koperazzjoni ta' kull min jista' jgħinna.***

# L-GĦAQDA ŻGĦAŻAGĦ LA STELLA

Nhar is-Sibt 10 ta' Diċembru li għadda l-Għaqda Żgħażagħ La Stella organizzat b'suċċess varjetà fis-sala tal-każin La Stella. Is-sala tal-każin kienet mimlija u l-organizzaturi ppreżentaw varjetà li tagħmel unur lilhom. Ġew ippreżentati items minn żgħażagħ b'talenti differenti. Barra din il-varjetà membri ta' l-Għaqda żgħażagħ "La Stella" marru ikantaw fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex u fid-djar tax-xjuħ. Fuq l-inizjattiva ta' l-Għaqda ntwerew għad ta' videos fil-Każin fil-jum tal-Milied. Dawn il-videos kienu serje ta' "carols by candle light" li nġabu mill-Awstralja.

L-Għaqda żgħażagħ La Stella ser torganizza serata oħra ta' daħk, ċajt, żfin u logħob nhar is-Sibt 18 ta' Marzu.

# IŻ-ŻJARA TA' DON EGIDIO VIGA

Kien ta' unur kbir għall-parroċċa tagħna li tilqa' fi ħdanha lir-Rettur Maġġur tas-Salesjani ta' Don Bosco, **Don Egidio Vigano' S.D.B.** Iż-Żjara ta' Don Vigano' kienet ir-riżultat ta' stedina li saritlu personalment mill-Arċipriet tal-parroċċa tagħna Mons Salv Borg waqt iż-żjara tal-Kor 'Laudate Pueri' f'Ruma f'Novembru 1988 meta l-kor ħa sehem b'suċċess fil-Kungress ta' l-exallievi ta' Don Bosco u ta' l-ex-allievi ta' Marija Għajnuna ta' l-Insara.

Mal-wasla tiegħu fi Pjazza San Ġorġ, Don Egidio Vigano' ġie milqugħ mill-Arċipriet akkumpanjat mill-Kapitlu u l-Kleru. Wara żjara fil-kappella tas-Sagrament ir-Rettur Maġġur daħal fil-kor u sellem lid-direttur Dun Ġorġ Frendo u lill-membri tal-kor fil-waqt li rringrazzjahom għas-sehem li taw fil-Kungress ta' l-ex-allievi ġewwa Ruma. Wara mbagħad Don Vigano' twassal sal-post fejn kellha ssir iċ-ċerimonja tal-kxif u tberik ta' lapida u bust ta' Don Bosco mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali fi Triq Karità. Waqt din iċ-ċerimonja kien preżenti l-Ministru għal Għawdex l-Onor Anton Tabone flimkien mas-sinjura tiegħu, kif ukoll Fr. Victor Mangion id-Delegat tal-Provinċjal tas-Salesjani f'Malta, Fr. Martino Mc Packe l-Provinċjal ta' l-Irlanda u Malta u l-Presidenti tal-fergħat tal-Past Pupils Salesjani ta' Malta u Għawdex.

Iċ-ċerimonja bdiet b'introduzzjoni mis-Sur Michael Cassar u dritt wara Mons Arċipriet għamel id-diskors ta' l-okkażjoni fejn spjega r-raġunijiet kollha li wasslu lill-parroċċa tagħna biex tfakkar l-ewwel ċentinarju mill-mewt ta' San Ġwann Bosco.

Id-Diskors ta' l-Arċipriet kien dan:

*Wisq Rev. Rettur Maġġur,*

*Il-Qaddis tal-Ħolm, Don Bosco, ġagħalna noħolmu ħolma sabiħa. Kien is-6 ta' Novembru li għadda, filgħaxija, fit-tard, meta fi tmiem ta' Velja ta' Talb mill-iżjed kommoventi, li saret fit-Tempju ta' Don Bosco, ġewwa Cinecitta', mdawwar minn mijiet u mijiet ta' ex-allievi u ex-allieve, mimli biża' sibt ruħi ħdejk. F'dak il-ħin Don Cini introduċieni miegħek billi qallek li jiena kont l-Arċipriet tal-Kor Laudate Pueri.*

*F'dak il-ħin, immutajt, u l-uniku ftit kliem li ħareġ kienet stedina li għamiltlek sabiex l-ewwel darba li tiġi Malta iżżur il-Parroċċa tagħna. Int weġibt: "Żgur li m'hemmx x'tagħmel: niġi nżurkom żgur". Din it-tweġiba ħallietni mbellaħ. U immedjatament bdejt noħlom.... kont konvint li dak kollu li ġara ma kienx ħaġa oħra għajr ħolma.....ħolma sabiħa.*

*Iżda, hekk kif irritornajt minn Ruma, minn dik l-esperjenza indimentikabbli ta' l-Ewwel Kungress Mondjali tal-Ex-allievi u Ex-Allieve, għidt b'din il-ħolma lill-ħuti s-saċerdoti tal-Kapitlu u l-Presbiterium Ġorġjan. Konvint mill-fama li jgawdi Don Bosco, bħala dak il-qaddis li kapaċi jibdel ħolma f'realtà tlabt l-għajnuna tiegħu.*

*Illum, għażiż Rettur Maġġur, din il-ħolma twettqet. Il-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ tilqek bil-ferħ, lilek, is-seba' suċċessur ta' Don Bosco, u fil-persuna tiegħek tilqa' lil dak il-Kbir Qaddis, Mgħallem tat-tfal u taż-żgħażagħ.*

*Don Bosco mhux wiċċ ġdid għall-parroċċa tagħna. Meta fis-snin tletin, wieħed Għawdxi bħalna u saċerdot tal-Parroċċa Dun Pawl Micallef, beda jiġbor madwaru tfal u żgħażagħ, jgħix magħhom u għalihom, kien ġie mlaqqam "id-Don Bosco t'Għawdex".*


*Ir-Rettur Maġġur dieħel fil-Bażilika tagħna akkumpanjat minn Mons. Arċipriet.*


*Don Egidio Viganò jifraħ lil Dun Ġorġ Frendo, direttur u lill-membri tal-kor 'Laudate Pueri'.*




*Ir-Rettur Maġġur mal-Kapitlu Ġorġjan quddiem it-Tribuna.*


*Don Viganò jidher jindirizza l-folla.*

# NÒ S.D.B. FIL-PARROĊĊA TAGĦNA.

*Dun Pawl Micallef beda juża bħala l-ewwel Oratorju tiegħu dar propju f'din l-istess triq li qegħdin fiha, ftit passi warajna. Hawnhekk it-tfal tar-Rabat bdew iduqu xi ftit mill-metodi ta' Don Bosco, u bla ma kienu jafu bdew jirċievu formazzjoni nisranija importanti ferm għall-Knisja u għall-Istat.*

*Il-Festa ta' San Ġwann Bosco, il-31 ta' Jannar kien jum ta' festa għall-parroċċa kollha. Peress li ma kellux wisa fil-lokal tiegħu Dun Pawl kien jagħmel il-festa mal-komunità parrokkjali kollha fil-Knisja Bażilika tagħna.*

*L-ispirtu ta' Don Bosco kompla janima il-parroċċa tagħna. Is-Salesjani, li ġew hawnhekk wara stedina li saritilhom mill-Isqof Pace, bdew iqaddsu fil-parroċċa tagħna, u għall-żmien twil il-ġabra li kienet issir waqt il-quddiesa tat-8.15a.m. kienet tmur b'risq il-bini ta' l-Oratorju Don Bosco ta' din il-belt.*

*Iżda l-parroċċa tagħna mhux flus biss tat lil Don Bosco. Offriet vokazzjonijiet salesjani: mhux inqas minn sitta, bejn saċerdoti fratelli u studenti, kif ukoll żewġ sorijiet Ulied Marija Għajnuna ta' l-Insara.*

*Propju f'dawn il-jiem waslet l-aħbar li imlietna bil-ferħ. Salesjan ieħor, iben il-parroċċa, Dun Fabio Attard ser imur it-Tunisija sabiex flimkien ma' Salesjan Malti ieħor jagħti bidu għall-ħidma salesjana hemmhekk.*

*Il-parroċċa tagħna tħossha kburija li għandha fost uliedha lil Dun Charles Cini, Delegat Mondjali Konfederali ta' l-Ex-allievi li fi ftit snin ta lilu nnifsu u id- f'id ma' Don Cuevas qed jaħdem bis-sħiħ b'risq l-ex-allievi huma fejn huma.*

*Minħabba dan kollu, sabiex infakkru ir-rabta li hemm bejn il-Parroċċa tagħna u l-familja Salesjana, jiena, f'ismi u f'isem ir-Reverendissimi Membri tal-Kapitlu u tal-Presbyterium Ġorġjan, kif ukoll tal-komunità kollha parrokkjali nitolbok sabiex tikxef u tbierek dan il-bust ta' Don Bosco kif ukoll il-lapida, konvint li kul min jgħaddi minn hawnhekk jimtela bil-ferħ li ħiereġ mit-tbissima ta' dan il-Kbir Qaddis.*

Wara d-diskors ta' Mons Arċipriet tkellem ir-rettur Maġġur Don Egidio Vigano' li beda billi rrifera għal dak li qal Mons Arċipriet dwar il-ħolm ta' Don Bosco. Don Vigano' irringrazzja lill-parroċċa tagħna għall-vokazzjonijiet Salesjani li ħarġu minnha u waqt li rrefera għal Don Charles Cini S.D.B. huwa qal li dan jiswa daqs tmienja għax-xogħol li jwettaq fi ħdan il-komunità salesjana. Imbagħad Don Vigano' għadda biex tkellem dwar il-kor 'Laudate Pueri' u għas-sehem li dan il-kor ta fil-Kungress ta' l-Exallievi f'Ruma. Dwar dan Don Vigano' qal:

*"Ma io voglio ringraziare specialmente il coro che ha dato una qualità artistica e spirituale al congresso internazionale, primo nella storia, degli ex-allievi e delle ex-allieve insieme di tutto il mondo, erano mille-trecento......e poi nella Basilica di San Pietro, dove c'e' sempre la famosa schola cantorum che fa furore. Ma.....il coro di Gozo, io non faccio paragoni, mi ha piacuto di piu'."*

Wara d-diskors tar-Rettur Maġġur li ġie milqugħ b'ċapċip kbir mill-folla preżenti, huwa kixef il-Lapida u l-bust ta' Don Bosco u wara berikhom. Don Vigano' flimkien mal-mistednin l-oħra kien mistieden għal drink fiċ-Ċentru Parrokkjali fejn huwa ffirma l-Visitors' Book u Mons Arċipriet ippreżentalu ritratt ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fi frame tal-fidda bħala tifkira ta' din iż-żjara memorabbli.





*Waqt iċ-ċerimonja Jidhru mix-xellug - Mrs Tabone u l-Onor. Ministru għal Għawdex A. Tabone, Don Viganò u Mons Arcipriet.*



*Don Egidio Viganò jiffirma l-Visitors' Book*



*Mons. Arcipriet jagħmel l-indirizz tiegħu*



*Ir-Rettur Maġġur ibierek il-lapida u l-bust ta' Don Bosco*

# FESTIVAL TAL-KORIJIET

Nhar il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru 1988 is-Segretarjat għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kurja ta' l-Isqof organizza Festival tal-Korijiet fil-Bażilika tagħna taħt il-presidenza ta' Mons Isqof Nikol G. Cauchi.

F'dan il-festival ħadu sehem korijiet minn diversi parroċċi fosthom iż-żewġ korijiet tal-Parroċċa tagħna 'Chorus Urbanus' u 'Laudate Pueri'. Il-korijiet l-oħra li ħadu sehem kien dawn: 'Rotunda Mini Choir' mill-parroċċa tax-Xewkija, il-kor 'Fraternitas' tal-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb , taċ-Ċawla; il-kor 'Ulied Margerita' mill-Parroċċa ta' Sannat; il-kor 'Voci Angeliche' mill-parroċċa tax-Xagħra u l-kor 'Maria Assunta' tal-Parroċċa tal-Katidral. Kull kor li ħa sehem f'dan il-festival kanta żewġ għanjiet tal-Milied. Lejn tmiem il-festival għamel diskors ta' l-okkazzjoni Mons Isqof u wara ippreżenta ċertifikat u tifkira lill-kull kor li ħa sehem. Lill-kor 'Chorus Urbanus' Mons Isqof ippreżentalux-shield għas-sehem bla waqfien li huwa dejjem ta fil-festival organizzati mis-Segretarjat ta' l-Edukazzjoni u Kultura tal-Kurja. Din il-preżentazzjoni saret lil Mro John Galea, id-Direttur tal-Kor.

Il-Festival ġie fit-tmiem billi tkantat l-għanja popolari 'Ninni la tibkix Iżjed' mill-korijiet kollha waqt li membri tal-Għaqda Żgħażagħ La Stella għamlu mima waqt li kienet titkanta din l-għanja.



*Mro John Galea qed jiġi preżentat bix-shield min Mons Isqof*



*Il-Kor "Chorus Urbanus" ikanta waqt il-Festival*



*Il-mima mtellgħa waqt l-għanja "Ninni la Tibkix Iżjed" li kantaw il-Korijiet flimkien*



*Il-Kor "Laudate Pueri" ikanta waqt il-Festival*

## Mro. JOHN GALEA jdoqq f'Kunċert f'Londra

Udjenza distinta ta' kritiċi, ambaxxaturi u wħud mill-għola awtoritajiet Maltin, fosthom il-Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami mlew il-Holy Trinity Church fi Sloame Sqr. Londra għal Kunċert ta' mużika maltija esegwita minn kantanti u mużiċisti Maltin, nhar il-Ħamis 5 ta' Jannar 1989. Il-programm fetaħ b'Mro. John Galea, id-Direttur tal-Kor 'Chorus Urbanus' tal-Bażilika tagħna, idoqq "Toccatina" ta' Carmelo Pace. Wara akkumpanja lil Freddie Mizzi (Klarinett), lit-tenur Brian Cefai, u lil Laura Falzon (Flawt) fil-premiere Ingliż ta' "DIAPHAINON' ta' C. Camilleri.

Ix-xogħol ta' John Galea "Three Miniatures in the Mode RAST" kienu esegwiti b'teknika kbira mill-pjanista M. Laus.

Jeremy Walbank, organista u kompożitur magħruf li jikteb f'diversi rivisti mużikali nfluwenti foshom "Music and Musicians International" hekk kiteb fuq dan il-kunċert:

*"This concert proved to be a feat in its own right, in as much to the quality of both music and performers and the very high professional calibre attained... John Galea not only carried off the first half with considerable panache but revealed a certain aptitude as a composer in the second half".*



Dan il-Kunċert inżamm fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' l-International Boat Show f'Londra li din is-sena kienet sponsorjata mill-Gvern Malti.

***DON BOSCO: Il-Qaddis tat-Tbissima Mitt sena mejjet u għadu ħaj***



*1888-1988*

# ŻGUR KIEN IĠIB L-EWWEL FL-ISTORJA

Darba waħda, Don Bosco kien sejjer lura bit-tren lejn Torin, u jilmaħ grupp żgħir ta' żgħażagħ miġburin madwar wieħed li kien qed igħid u jpaċpaċ ħafna ħmerijiet kontra l-qassisin u kontra r-reliġjon, bħalma jagħmlu fi żmienna ħafna setet.

"Temmnuhomx!" semgħu jgħidilhom Don Bosco. "Erħulhom igħidu l-qassisin! Il-qrar.... u t-tqarbin.... dawk kollha ħmerijiet tagħhom, biex jeħdulkom minn raskom, u jkittfu xi sold minn fuq daħarkom!...."

Don Bosco inkedd meta ra li ċerti żgħażagħ, iktar ma huma injoranti fir-reliġjon, iktar jieħdu pjaċir jisimgħu lil min hu kontra tagħha! Mar u indaħal f'nofshom bil-kuraġġ. Mill-ewwel induna li dak li kien qed jitkellem b'tant arja, kien bniedem injurant u ta' ftit li xejn skola. U kien jaf Don Bosco li ma' nies bħal dawn għalxejn tirraġuna bl-argumenti tat-teoloġija. Dawk iridu argumenti li jolqot fil-laħam il-ħaj.

"Bravu!" qallu Don Bosco. "Milli jidher inti donnok xi wieħed ta' għerf kbir! Allura taf tgħidli min ivvintahom is-sagramenti, u meta?"

"Mela le! Ivvintathom il-Knisja,fil-Konċilju ta'Trentu."

"Iva? Sewwa. U...meta sar dan il-Konċilju ta' Trentu?"

"U mhux f'dawk iż-żmenijiet?"

"F'liema żmenijiet?"

"U ....fiż-żmien San Bernard".

"Ehe!!....U....żmien San Bernard meta kien? Meta għex San Bernard?

"U... mhux fi żmien Sant Wistin, jew?"

"Bravu, ħmar!! Kemm inti bravu!! Ma nissugrax nistaqsik iżjed meta għex Sant Wistin, għax naf żgur li ma tafx, u li toħroġli b'xi ħmerija oħra!"

Ma ninsewx li Don Bosco kien studja l-istorja tal-Knisja, u kien kiteb volum sħiħ fuqha. Għalhekk kompla jgħidlu quddiem dawk iż-żgħażagħ l-oħra li kellu madwaru: "Mela kun af, sieħbi, u ħa jisimgħu wkoll dawn iż-żgħażagħ li hawn madwarna, li int għandek f'rasek taħwida papali dwar l-istorja tal-Knisja! Għax il-Konċilju ta' Trentu sar fis-seklu sittax, u dan ifisser tlett mitt sena ilu. San Bernard għex fis-seklu tlettax u dan ifisser li għex tlett mitt sena qabel l-Konċilju ta' Trentu. U jerġa', Sant Wistin għex fis-seklu erbgħa li jiġi 800 sena qabel San Bernard! U jekk ma tafx, 1850 sena ilu għex Sidna Ġesù Kristu, li kien Hu li waqqaf is-sagramenti bis-setgħa tiegħu ta' Alla, għax kif qalulu l-Lhud stess, "Alla biss jista' jaħfer id-dnubiet!"

Iż-żgħażagħ qabdu kollha jidħku, filwaqt li dak ir-raġel ried l-art tibilgħu bil-mistħija li qabditu.

"Jaqbillek titgħallem ftit qabel ma titkellem, ħabib...." temm igħid Don Bosco.

# ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Bil-għajnuna t'Alla, il-festi sbieħ tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena għaddew b'wiċċ il-ġid. Nittama li għadkom tiftakru f'dak li kont għidtilkom tagħmlu fl-aħħar ħarġa ta' dir-rivista. Għal min nesa, nerġa' nfakkru ftit. Għidtilkom, l-ewwelnett biex tiftakru ftit f'dawk it-tfal li huma inqas ixxurtjati minnkom. Imbagħad, għidtilkom ukoll biex waqt il-vaganzi ma twarrbux l-istudju u l-kotba għal kollox.

Issa l-vaganzi għaddew ukoll u rġajtu bdejtu l-lezzjonijiet bħas-soltu. Għandi nifhem li jekk sa issa l-eżamijiet ta' nofs is-sena għadkom m'għamiltuhomx, żgur li m'intomx se ddumu wisq ma tibdewhom. Mela, "good luck" lilkom ilkoll.

Illum, tfal, irrid nagħmlilkom xi ftit mistoqsijiet li tajjeb jekk twieġbuni għalihom f'qalbkom.

☐ Meta taqilgħu xi ħaġa tal-flus:
- tonfquha mill-ewwel?
- iġġemmgħu xi ħaġa minnha?
- tixtru l-bżonnijiet?

☐ Meta tiltaqgħu ma' xi ħadd li ma jkollkomx grazzja miegħu:
- teħilsu minnu mill-ewwel?
- tieħdu paċenzja u ma tagħmlux wiċċ ikrah?
- iżżommu ħalqkom magħluq u ma tagħtux każu?

☐ Meta tmorru mal-mama' biex tixtru xi ħwejjeġ:
- tħallu lill-mama' taddattalkom hi?
- tkunu tridu tagħmlu l-għażla intom bil-fors?
- jekk l-ilbies ma jkunx jixirqilkom, xorta tkunu triduh, basta tagħmlu bħal ħbiebkom?

Dawn, tfal, huma l-mistoqsijiet li xtaqt nagħmlilkom illum. Studjawhom daqsxejn sewwa u araw liema minnhom hija t-tajba, dejjem fil-fehma tagħkom. Imbagħad, meta tkunu għażiltu t-tajba, araw kif tistgħu tagħmluha tagħkom u tipprattikawha fil-ħajja tagħkom ta' kuljum.

Qabel ma ninfirdu, irrid infakkarkom f'xi ħaġa. Qisu li dan ir-Randan -- iż-żmien tant għażiż li jħejjina għall-akbar festa li għandha l-Knisja, jiġifieri l-Għid il-Kbir -- ikun għal kull wieħed u waħda minnkom tabilħaqq żmien ta' talb u penitenza. Qisu li tkun ta' eżempju tajjeb għal kulħadd f'din il-ħaġa, l-iktar fil-familji tagħkom u fl-iskola fejn tattendu. Tinsewx li meta tagħmlu l-penitenza tkunu tpattu xi ftit għall-imħabba li wera lejna Ġesù bil-mewt tiegħu fuq is-Salib.

Għal-lum dan kollox, tfal. Sakemm nerġgħu niltaqgħu f'ħarġa oħra ta' din ir-rivista, insellmilkom.

*Tata'.*
*Iz-Ziju Peppi*

# *L-Ikla Tradizzjonali tal-Banda La Stella*

Bandisti u membri fid-Direzzjoni tal-Banda Ċittadina La Stella t'Għawdex nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar kienu l-mistiedna tas-Soċjetà għall-Ikla tradizzjonali tal-bidu tas-Sena l-Ġdida. L-Ikla saret fl-Atlantis Hotel, Marsalforn, u għaliha attendew 164 ruħ, fosthom rappreżentanti mill-Management tat-Teatru Astra, l-Astra Tours, l-Astra Dramatic Company, l-Astra Folk Group u l-Għaqda Żgħażagħ La Stella.

Fost dawk preżenti kien hemm il-President il-ġdid tas-Soċjetà, Dr Joseph Ellis, is-Segretarju Ġenerali is-Sur Paul M. Cassar u l-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Salv Borg.

F'diskors qasir li għamel lejn tmiem l-Ikla, is-Sur Cassar sellem lill-bandisti u l-membri tal-Kumitat għall-kontribut kontinwu tagħhom, u faħħar il-ħidma diżinteressata li wettqu fl-1988, li matulha ġie mfakkar egħluq il-125 sena mit-tnissil tal-Banda La Stella u l-20 sena mill-ftuħ uffiċċjali tat-Teatru Astra. Hu qal li s-sena li għaddiet żgur li tibqa' msemmija għas-suċċess li t-Teatru Astra kiseb bit-tliet opri: L'Elisir D'Amore, Lucia Di Lammermoor u Aida, L-opri, li saru fi żmien rekord ta' 3 xhur, komplew għollew il-prestiġju tas-Soċjetà, li sa minn dejjem kienet tgawdi reputazzjoni tajba ħafna f'dawn il-gżejjer.



Rigward il-Banda, is-Sur Cassar qal li din kompliet għaddejja b'aktar suċċessi matul is-sena, liema suċċessi laħqu l-qofol tagħhom bil-Programm Mużikali li nżamm f'Novembru li għadda.

Is-Segretarju Ġenerali iżżiħajr lil dawk kollha li ħadmu fid-diversi taqsimiet tas-Soċjetà, b'mod partikolari lis-Surmast Direttur tal-Banda, Mro Joseph Vella. Huwa awgura li s-Sena l-Ġdid tkompli ġġib magħha aktar ġieħ u unuri għal din is-Soċjetà ewlenija t'Għawdex.

# KUMITAT BANDA LA STELLA 1989

**Presidenti Onorarji:**
Sir Luigi Camilleri Kt. LL.D.
Dr. Eugene Montanaro LL.D

**Segretarju/Teżorier:**
Paul M. Cassar.

**President:**
Dr. Joseph Ellis LL.D

**Viċi President:**
George R. Grech.

**Kaxxier:**
George Borg.

**Assistent Seg/Też:**
Joseph Cini.

**Amministratur tat-Teatru**
Francis Gauci.

**Booking Officer:**
Carmel Zammit

**Assistent Kaxxier:**
Lawrence Farrugia.

**Diretturi tal-Każin:**
George Attard, Frank Mizzi.

**Direttur tal-Logħob:**
Anton Vella.

**Uffiċċjali Projection:**
Joseph Buhagiar.

**Manager tat-Teatru:**
Frank Mizzi.

**Pubblicity Officer:**
Dolindo Cassar.

**Arkivista:**
Michele Refalo.

**Awdituri:**
M'Angelo Galea, Carmel Cassar

**Membri:**
John Bezzina, Joseph Cassar, Anthony Cauchi, Frank Cremona, George Farrugia, Lawrence Grech, Victor Scicluna, Anton Sillato.

**Surmast Direttur:**
Mro. Joseph Vella B. Mus (Dunelm) F.L.C.M.

**Assistent Surmast:**
Mro. John Galea F.T.C.L., L.R.S.M., A.T.C.L.

**Direttur Spiritwali:**
Mons. Arch. Emeritus Emanuel Mercieca Prel. D'Onor., Prot. Apost.

# *Kummiedja mill-Kumpanija Teatrali Astra*



L-Astra Dramatic Company temmet l-attività tejatrali f'Għawdex għall-1988 b'kummiedja brillanti bl-isem: **L-Imfissed.** Il-kummiedja ġiet ippreżentata għall-ewwel darba lill-pubbliku Għawdxi fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru.

Miżgħuda b'sitwazzjonijiet mill-iktar komiċi, il-kummiedja ipprovdiet divertiment mill-aqwa lil għadd kbir ta' nies li xtaqu jagħtu bidu għall-festi ferrieħa tal-Milied fuq nota umoristika. Charlie Zammit fil-parti prinċipali, interpreta karattru ideali għalih: dak tal-Imfissed. Xejn anqas f'posthom kienu l-atturi l-oħra li ħadu sehem, fosthom Maria Zammit, Maria Schembri, Anton Said, Salvinu Cremona, Michael Camilleri, Joe M. Attard u Mario Tabone.

Show Extra tal-'Imfissed' saret għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji f'Għawdex il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru.